# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Jannar, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 698/2019 TA**

**Joseph Muscat (K.I. nru.439762(M)) flimkien ma' martu Carmen Muscat (K.I. nru. 344965M)**

**vs**

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C48875),**
**Joseph Grange (K.I. nru. 286962(M),**
**MAPFRE Mddlesea Insurance plc,( żieda awtoriżżata b'digriet tat-18 ta' Settembru 2019), u**
**Malta Public Transport, kliem imħassar b'digriet tas-6 ta' Jannar 2020.**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Joseph u Carmen konjuġi Muscat (l-Attur jew Atturi skond il-każ) tal-15 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu ppremmettew u talbu s-segwenti:

1. ''Ir-rikorrenti, Joseph Muscat kien riekeb fuq tal-linja, nhar it-2 ta' Marzu tas-sena 2017, bin- numru BUS 624 fid-direzzjoni lejn Hal Safi, fi Triq Dun Pawl, Hal Luqa, meta is-sewwieq tal-linja ha brake qawwi u waqqaf ħesrem bil-konsegwenza li r-rikorrenti ha daqqa qawwija fi spalltu l-leminija u bil-konsegwenza ta' dan soffra debilita' permanenti;
2. Din id-debilita' permanenti ġiet mkejjla f'rapport mediku li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok "A";

3. Is-sewwieq tax-xarabank f'dak il-mument tal-inċident kien is-Sur Joseph Grange, li kien qiegħed issuq b'mod irresponsabbli u b'nuqqas ta' tħaris għar-regolamenti tat-traffiku u b'nuqqas ta' ħila, u diliġenza;
4. Fuq il-post issejjħet ambulanza li ħadet lill-Joseph Muscat ġewwa Mater Dei;
5. Illi b'konsegwenza tal-inċident l-attur Joseph Muscat qiegħed ibati danni konsiderevoli u ħa jibqa jbati bihom fil-futur wkoll;
6. L-intimati, mitluba sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti baqgħu għal kollox inadempjenti;
7. Joseph Muscat (K.I. nru. 0439762(M)), jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Raġuni tat-Talba

Għalhekk kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.

Talbiet:

**Jgħidu għalhekk l-intimati, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-intimat, jew minn minnhom, huwa jew huma responsabbli għad-danni u spejjeż sofferti mir-rikorrenti kif fuq spjegat, konsegwenza tal-inċident li seħħ fuq tal-linja bin-numru BUS 624, nhar it-2 ta' Marzu tas-sena 2017, fi Triq Dun Pawl, Hal Luqa;
2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, l-istess danni u spejjeż sofferti mir-rikorrenti.
3. Tikkundanna lill-intimat, jew minn minnhom, iħallsu lir-rikorrenti d-danni u l-ispejjeż hekk likwidati u dan flimkien ma' l-imgħaxijiet dekoribbli skond il-liġi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 3544/2018 mibgħuta kontra l-intimati, li jinsabu minn issa kollettivament nġunti għas-subizzjoni''.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited (Is-Soċjeta' konvenuta), Joseph Grange (il-konvenut) MAPFRE Middlesea Plc (Is-Soċjeta' assiguratriċi u Malta Public Transport tat-30 ta' Awwissu 2019 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

Teċċepixxi bir-rispett u Rita Azzopardi detentriċi tal-karta tal-identita numru 339384M) in rappreżentanza tas-soċjeta Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C 48875) tiddikjara u tikkonferma bil-ġurament tagħha:

1. ''Illi, in linea preliminari, Malta Public Transport mhijiex entita ġuridika iżda biss 'trade name użat mis-soċjeta intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C 48875) u għalhekk bħala tali "Malta Public Transport

m'għandhiex personalita ġuridika separata u indipendenti mis-soċjeta intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited;

2. Illi, in linea preliminari wkoll, is-soċjeta intimata Middlesea Insurance plc illum hija magħrufa bħala MAPFRE Middlesea plc u għalhekk l-isem korrett għandu jiġi rifless fl-okkju;

3.1 Illi, dejjem in linea preliminari u bla preġudizzju għall-premess, l-intimati għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tar-rikorrenti Carmen Muscat in kwantu l-esponenti m'għandhomx relazzjoni ġuridika mal-istess rikorrenti Carmen Muscat;

3.2 Illi, fi kwalunkwe każ, kwalsiasi danni li jistgħu jkunu rekuperabbli mir-rikorrent Joseph Muscat ma jistgħux jitqiesu bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, jekk effettivament teżisti bejn ir-rikorrenti Joseph Muscat u Carmen Muscat;

Illi, dejjem bla preġudizzju għall-premess u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

IIIi l-intimat Joseph Grange ma huwiex responsabbli għall-inċident li allegatament seħħ nhar it-2 ta' Marzu 2017 fi Triq Dun Pawl, Luqa;

4. IIli f'kull każ, fl-eventwalita li kellu jinstab li l-istess intimat Joseph Grange huwa responsabbli għall-inċident in kwistjoni, xorta waħda dan ma jkunx biżżejjed sabiex is-soċjeta Malta Public Transport Services (Operations) Limited tirrispondi għall-azzjonijiet tal-impjegat tagħha stante li dan isir f'ċirkostanzi ristrettissimi biss;

5. IIIi in vista tal-premess, l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti in linea ta' danni mill-intimati;

6. Illi, ulterjorment u bla preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti għandu iressaq prova li d-danni, allegatament sofferti minnu oriġinaw mill-inċident allegat;

7. Illi, f'kull każ, kwalsiasi danni pretiżi mir-rikorrenti għandhom jkunu reali u jiġu pruvati sal-grad rikjest mil-Liġi;

8. IIIi inoltre, it-talba għal ħlas tal-imgħaxijiet hija ammissibli biss fl-eventwalita li jiġu likwidati danni u b'effett biss mid-data tas-sentenza;

9. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-Liġi.

**Dikjarazzjoni tal-Fatti ta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C-48875), Joseph Grange (K.I Nru 286962M), MAPFRE Middlesea plc ġja Middlesea Insurance plc (C 5553), u Malta Public Transport:**

1. Illi l-fatti esposti fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni ġuramentata annessa mar-rikors ġuramentat għandhom jiġu pruvati għaliex ikkontestati;

2. IIli l-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu huma kontestati għaliex huma fatti estranei għall-esponenti peress li tali rapport sar mir-rikorrenti mingħajr l-involviment tal-intimati u f'kull każ il-konvenut tal-istess rapport qiegħed jiġi kontestat;

3. Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu huma għal kollox kontestati in kwantu l-intimat ma huwiex ħati tat-tortijiet attribwiti lilu u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża odjerna;
4. Illi l-fatti dikjarati fir-raba u l-ħames paragrafi għandhom jiġu pruvati. Mingħajr preġudizzju, l-intimati minn issa qiegħdin jirriżervaw li jitolbu n-nomina ta' esperti mediċi sabiex jeżaminaw lir-rikorrenti u jiċċertifikaw l-ġrieħi li seta' ġarrab ir-rikorrenti, riżultat tal-inċident in kwistjoni;
5. Illi l-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu huma kontestati in kwantu l-intimati ma ħallsux għad-danni pretiżi mir-rikorrenti stante li l-pretensjonijiet kollha tal-istess rikorrenti kienu u għadhom qiegħdin jiġu kontestati, u dan għaliex l-intimati ma humiex responsabbli għal ebda danni allegatament sofferti mir-rikorrenti;
6. Illi l-esponenti tiddikjara li dawn huma fatti in parti li taf bihom personalment u in parti li ġew riferuti lilha''.

Rat li fuq rikors tal-Atturi tat-3 ta' Jannar 2020 ġew kanċellati l-kliem Malta Public Transport b'digriet tas-6 ta' Jannar 2020 u għalhekk isegwi li din l-Awtorita' ma baqetx fil-Kawża.

Rat il-provi, atti, dokumenti u xhieda kollha f'dawn il-proċeduri.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għas-Sentenza għall-lum.

**Punti ta' fatti**

Fis-sempliċita' tagħhom il-fatti huma dawn:

Fit-2 ta' Marzu tas-sena 2017, l-Atturi telgħu fuq Bus number 624 li kienet sejra lejn Hal Safi. Il-bus kienet misjuqa mill-konvenut Granger. Il-karozza kien fiha bosta nies bil-wieqfa, għalkemm l-Attriċi sabet post fejn toqgħod bilqiegħda. Peress li ma kienx hemm postijiet oħra battala, l-Attur qagħad bil-wieqfa quddiem il-bieb tan-nofs tal-bus, b'idu l-leminija f'loop u f'idu l-oħra kellu basket. Meta waslu fi Triq San Pawl f'Hal Luqa, f'ħin minnhom il-konvenut żamm brejk.

B'konsegwenza ta' dan il-brejk żloga idu l-leminija, L-Attur baqa' jdur fuqu nnifsu, sakemm waqa' mal-art. Minħabba f'hekk f'jdejħ tal-lemin kellu ukoll jagħmel operazzjoni.

Il-konvenut Granger jgħid, li kellu jieqaf f'daqqa, għaliex ħarġitlu karozza minn triq laterali u li ma setax jagħmel mod ieħor biex jevita l-inċident.

Għalhekk saret din il-Kawża.

**<u>Punti ta' liġi</u>**

Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquiljana lill-Konvenut Granger, għad-danni li l-Attur jallega li sofra u qed isofri b'konsegwenza tal-ħsara li huwa ġarrab kemm fuq il-persuna tiegħu.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiljana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni:

"L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". Minn din in-norma tal-liġi jiskatta l-prinċipju illi min ikun b'għemilu għamel ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu. Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias.

Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni*

*ghandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142** ara ukoll -**Sentenza li tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et**). Huwa wkoll aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna illi "*l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż "*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ikompli jingħad illi tissussisti l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione ad omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene"*

Fis-**Sentenza fil-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et, deċiża fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, jingħad u spjegat li "*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa*

*civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".* Fil-15 ta` Diċembru 2015 fis-Sentenza fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech" Il-Qorti tal-Appell kompliet telabora li " … *jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom"*

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda biex tirrileva, li għalkemm il-fatti fis-sempliċita tagħhom huma dawk li huma din il-Kawża tippresenta konsiderazzjonijiet legali li ma humiex daqstant sempliċi u ordinarji.

Ma hux kontestat li l-konvenut Grange kien qiegħed jagħti servizz lis-Soċjeta konvenuta u li hija din is-Soċjeta' li toħroġ id-direttivi li għandu jsegwi. Dwar id-direttivi li tagħti is-Soċjeta' konvenuta dwar x'inhu aċċettabbli bħala numru ta'

passiġġiera bil-wieqfa, xehdet dettaljatament Rita Azzopardi, li taf sewwa kif topera s-Soċjeta' konvenuta (ara a' fol 341 tergo). Isegwi ukoll li s-Soċjeta' konvenuta bħala prinċipju taċċetta l-ġarr ta' passiġġieri bil-wieqfa.

L-Attur jispjega "*…irkibna bil-wieqfa ghax kienet mimlija sa ruh ommha…Jien kont qed inzomm basket f'idejja x'xellugija u imdendel mac-cinga*." (A fol 20 affidavit tal-Attur). Il-Qorti rat sewwa d-DVD tas-CCTV camera u jikkonferma dak li jgħid l-Attur. L-Attriċi, il-mara, tgħid li hija sabet post fejn toqgħod bil-qiegħda u kkonfermat il-versjoni ta' żewġha ta' kif seħħ l-inċident (a' fol 73) iżda qalet ukoll, li l-inċident per se ma ratux iżda saret tafu mingħand żewġha dak in-nhar stess li baqa' jdur fuq idejħ hekk kif inħasad il-brejk mill-konvenut Granger. Qalilha li ma telaqx iċ-ċinga mill-ewwel għax beża' li jaqa'. Il-konvenut jikkonferma li ra lill-Attur jagħmel 360 degrees (a' fol 350D ara ukoll xhieda tal-Attriċi in kontro eżami fis-17 ta' Mejju 2022).

Il-konvenuti jiddifendu lilhom innfushom billi jgħidu li l-konvenut Granger ma kellu ebda tort, għaliex ħarġitlu karozza mit-Triq laterali tal-lemin improvvisament u għalhekk bil-fors kellu jagħfas il-brejk (Ara ritratti a' fol 375 sa 337). Jgħidu ukoll, li l-Attur jaħti għall-inċident għaliex kellu idejħ ġewwa l-hoop u mhux imqabbad magħha u kien għalhekk li baqa' jdur fuqu nnifsu.

Fir-rapport tal-Pulizija d-deskrizzjoni tal-inċident hija hekk: "*Ilum 02/03/2017 ghall-habta tas-13.30 fi Triq Dun Pawl Hal Luqa, kienet ghaddejja Karozza tal-linja (Bus 624) meta din <u>waqqfet f'daqqa ghax hargitilha karrozza f'daqqa</u>. B'konsegwenza ta' dan kien hemm passiggier bl-isem ta' Joseph Muscat Id, Card 439762M li habat spalltu l-leminija mas-seat u weggha.* (a' fol 17 emfażi

tal-Qorti). Din il-parti tar-rapport ma ġietx kontestata mill-Atturi. Tant biex jingħad, il-Kawża Kriminali li kien hemm kontra l-konvenut ġiet preskritta (a' fol 193). Il-konvenut xehed li ra lin-nies jiċċaqalqu. Beda jagħfas il-break ftit ftit u "*meta tasal vicin hafna taghha. Trid tieqaf*" (a' fol 350C). Presubilment dan qalu b'referenza ghall-vettura li hargitlu mit-triq laterali.

Wara li eżaminat ix-xhieda sewwa, partikolarment id-DVD, jirrisultalha s-segwenti: il-passiġġieri jiċċaqalqu t-trip kollu u temmen li dan huwa moviment naturali fi vjaġġi bħal dawn. Osservat ukoll illi huwa minnu li tidher karozza bajda ħierġa minn triq laterali li għalqet in parti l-karreġġjata tal-BUS (Ara ukoll ritratt a' fol 220). Il-Qorti ma tarax li kien hemm mod ieħor ħlief għall-konvenut li jagħfas il-brejk. Huwa sinjifikanti ukoll, li minn imkien ma jirrisulta li kien hemm xi brejk *marks* li jindikaw li l-Bus kienet għaddejja b'ċertu veloċita' eċċessiva. Li kien hekk l-inċident kien ikun aktar gravi.

Il-Qorti fir-rigward tas-sewwieq tħoss li tassew ġie wiċċ 'imb wiċċ ma' emergenza subitaneja, meta kien fi triqtu u kellu d-dritta tat-triq u l-vettura oħra, li kellha tieqaf qabel ma toħroġ minn triq laterali għal waħda arterjali jew prinċipali, bħal ma' hi Triq Dun Pawl, Hal-Luqa, baqet ħierġa.

Il-Qorti għamlet ir-riċerka tagħha dwar dan il-prinċipju ta' emerġenza subitaneja u jidher li mill-ermeneutika lokali tas-Sentenzi dwaru, fil-gran parti tagħhom, is-Sentenzi jittrattaw l-aktar il-każ ta' meta jkun hemm involut *pedestrian* li jagħmel movimenti insoliti jew imprevedibbli. B'dana kollu, il-Qorti tħoss, li ċertu prinċipji japplikaw mhux biss fil-kas ta' persuni li jkunu qiegħdin jaqsmu t-triq, iżda anke

meta jkun hemm ostakoli oħrajn bħal ma huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

Fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana tat-23 ta' Awwissu, 1997, numru 7922** intqal hekk dwar dan il-prinċipju :

*"…nella specie, essendo stato accertato:*

*(a) la corretta e prudenziale condotta di guida dell'investitore con particolare riferimento alla velocita` del mezzo, giudicata moderata e adeguata alla situazione dei luoghi;*

*(b) l'essere il pedone repentinamente fuoriuscito da un portone che dava direttamente sulla strada, proprio mentre stava sopraggiungendo dalla sua sinistra il veicolo;*

*(c) l'impossibilita` per il conducente di effettuare altre manovre di emergenza, se non il tentativo dell'inutile brusca frenata – correttemente è stata esclusa dal giudice 'a quo' la responsabilita del guidatore alla stregua dei principi sopra enunciati in relazione al disposto dell'art. 2054, prima coma, codice civile".*

Din il-Qorti tħoss, li dawn il-prinċipji huma pariment applikabbli għal kull ostakolu li jwassal lis-sewwieq jieħu ċertu azzjonijiet biex jevita perikolu inaspettabbli u improvviż, partikularment meta huwa jkun fis-sewwa mingħajr ma kien qed jagħmel hu manuvri perikolużi. Kulħadd jaf, li toroq li jkunu bi dritt Knisja, fil-maġġor parti tagħhom, huma prinċipali u li vettura ħierġa minn triq laterali qabel ma' toħroġ fiha, l-ewwel trid tirrispetta il-passaġġ tat-traffiku li jkun għaddej

minnha. (Ara ukoll lil **Franzoni, Le obbligazioni da fatto illecito Ed. Utet 2004, pagna 355**).

F'waħda mill-Kawżi b'fatti simili għal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti saħansitra intqal li *"hi pacifika l-gurisprudenza li f'kaz kongruwi l-fatt li jista' jirrizulta anke xi eccess ta' velocita' ma kellux ikun fattur li jaddebita kontributorjeta ghas-sinistru fuq driver illi kien altrimenti qieghed in piena osservanza tar-regolamenti tat-traffiku".* (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet Stefan Xuereb -vs- Maria Concetta Debono et**).

Dwar il-kwistjoni ta' kif l-Attur kien qiegħed iżomm maċ-ċinga ossia loop li kien hemm fil-Bus, il-Qorti għandha żewġ verżjonijiet. Dik tas-Soċjeta' konvenuta u dik tal-Attur. Is-Soċjeta' konvenuta tinsisti li l-Attur ma kellux ikollu idejħ **fil-**loop iżda jżomm biss magħha. Rita Azzopardi tgħid, li kif jidher minn still ta' CCTV Camera "Fuq il-bus hemm hooks, fejn inti meta…..bil-wieqfa, iżżomm magħha, Mhux iddaħħal idejk. Iżżom hekk. Taqbadha hekk. Biex iżżomm. ( a' fol 212 u 213 u 342). Min-naħa tiegħu l-Attur jgħid li kien qed iżomm maċ-ċinga b'żewġt iswaba' (350K).

Rinfaċċjata b'żewġ versjonijiet differenti, il-Qorti tissenjala dawn il-Qrati jgħallmu, fuq skorta twila ta' esperjenzi umani li ilhom jiġu quddiemhom għal snin twal, li "*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment*

*sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"* (ara **Sentenzi tal-Prim'Awla fl-ismijiet Carmelo Farruġia -vs- Rokku Farruġia tal-24 ta' Novembru 1966** u kif ukoll dik tal-**PA tal-5 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet Pawlu Farruġia pro et -vs-Carmelo Farruġia et**).

Jiġi osservat ukoll, li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għal prinċipju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. (ara **Sentenza App. Inf fl-ismijiet Anthony Camilleri -vs Maurice Cauchi et tat-22 ta' Novembru App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru tal-2002**).

Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fir-rikors ġuramentat. Mill-banda l-oħra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġjonevoli, fil-kamp ċivili jibqa' dejjem dak taċ-ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali rikjesta f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet (ara **Vol.LXX.II.144**). Mera possibilita' mhux suffiċjenti biex tirradika r-responsabbilita' ċivili.

Issa il-Qorti rat sewwa l-i*stills* esebiti u kif ukoll id-DVD li jaqbad il-mument rejali ta' meta seħħ l-inċident (a' fol 275 sa 219). Il-Qorti tistqarr, li l-*istill* ma tantx jgħinu. Huma wisq imċajprin biex tara dan id-dettal importanti. Id-DVD huwa xi ftit aħjar, u tasal għall-konklużjoni li l-Attur tassew kien qiegħed iżomm b'żewġt iswaba' u li f'idu x-xellugija kellu basket, li flok taħ lill-Attriċi li kienet bil-qiegħda, żammu f'idejħ. Dan seta' ukoll serva biex ir-rotazzjoni fuq idu l-leminija jkollha

aktar swing. Li kieku kellu idejħ fil-loop ma kienx jaqa' mal-art x'aktar kien jibqa' imdendel u mhux jibqa' jdur bla kontroll fuq idu biex ħabat ġenbu mas-seat ta' quddiemu (ara a' fol 20 affidavit tal-Attur). Il-Qorti qed tgħid il-fatti kif ġraw u ma hiex fiċ-ċirkostanzi tattribwixxi xi kontributorjeta' lill-Attur.

Għalhekk titqanqal il-*vexata questio* min huwa responsabbli għall-inċident. Żgur jekk mhux għal kollox, is-sewwieq tal-vettura li ħarġet minn triq laterali. Imma din ma hiex parti fil-Kawża u l-anqas li jidher li hija magħrufa, għaliex l-anqas fir-rapport tal-Pulizija ma hija identifikata. Għalhekk irid jitqies, jekk is-Soċjeta' konvenuta għandiex twieġeb jekk dak li ġara minħabba ksur tal-liġi jew minħabba nuqqas ta' prekawzjonijiet li jħarsu s-saħħa tal-passiġier.

Jibda biex jingħad li l-konvenut Grange għamel kors ta' 16-il siegħa ta' "*Driving Practices Buddy Driver Training Company Policies and Procedure and Customer Care …11th December 2018* (Ara dokument a' fol 207). Xi tfisser Buddy Driver, din il-Qorti ma tafx eżattament, iżda jekk dan kien l-uniku kors li ingħata f'sewqan ta' bus fejn hemm is-sigurta' tal-passiġġieri fin-nofs, dan sar wara l-inċident u mhux qabel. L-inċident seħħ fit-2 ta' Marzu 2017. X'qalulu dwar is-sigurta' tal-passiġieri din il-Qorti ma tafx u ftit jista' jkollu effett fuq din il-kawża ġaladarba l-inċident kien diġa' seħħ.

F'dan ir-rigward il-konvenut jixhed li fil-bus ma hemm ebda indikazzjonijiet ta' kif għandhom jużaw il-hoop il-passiġieri (Xhieda tal-Konvenut 350D). Jitqanqal il-kweżit jekk is-Soċjeta' konvenuta hiex obbligata bil-liġi li tagħmel dan.

Regolament 32 tal-Avviż legali149/2009 jiddisponi li *"Il-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri inklużi fir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri għandu jkollhom imwaħħal fuq in-naħa ta' wara tax-xellug tat-tieqa tal-ġenb karta magħmula minn materjal trasparenti maħruġa mill-Awtorità, li tindika l-informazzjoni li ġejja:*

*(a) In-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura*

*(b) Is-sid reġistrat*

*(ċ) In-numru tal-liċenza ta' l-operaturi(d) Kemm tesa Passiġġieri*

*(e) Numru tat-telefon uffiċjali li jista' jintuża' f'każijiet ta' emerġenza."*

F'dan l-artikolu ma hemmx xejn x'jindika li għandu jkun hemm avviż lill-passiġġier ta' kif għandu jagħmel użu minn ċineg tas-sapport għal dawk li jkunu bil-wieqfa, iżda l-anqas li kieku għaliex regolament 26 jiddisponi li "*Din il-parti għandha tapplika għall-vetturi kollha tal-ġarr tal-passiġġieri, <u>iżda ma tapplikax għall-motor route buses</u>, u għall-operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ."* (Emfażi tal-Qorti). Skond dawn ir-regolamenti "*motor route bus*" tfisser vettura għall-ġarr tal-passiġġieri liċenzjata biex topera servizz tat-transport pubbliku għall-passiġġieri, li huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

Regolament 65 jiddisponi li *"L-ebda xufier m'għandu jħalli passiġġieri bilwieqfa fuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri waqt li din tkun miexja".* Imma anke f'dan ir-rigward, regolament 39 jiddisponi b'aktar emfażi, li "*Din il-parti għandha tapplika għas-servizzi kollha tal-ġarr tal-passiġġieri li jsiru f'Malta, iżda <u>ma tapplikax għas-servizzi pubbliċi ta' ġarr tal-passiġġieri u l-motor route buses</u>*".

Għalhekk fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tistax issib li kien hemm xi nuqqas fir-rigward tas-Soċjeta' konvenuta. Ma tistax tara li naqset milli tagħmel dak li titlob minnha l-liġi. Kieku ma provdietx meżżi ma fejn jistgħu jżommu dawk bil-wieqfa, kienet tkun storja oħra. Il-Qorti tinnota li sitwazzjonijiet bħal dawn, fejn ikun hemm *standing passengers* qed isiru preokupanti, kif jemerġi minn numru ta' mistoqsijiet Parlamentari numru 306 tat-9 ta' Marzu 2020. In-nuqqas ta' training sewwa lis-sewwieq, anzi li qatt ma ngħata qabel l-inċident, minn eżami oġġettiv tal-mekkanika kif seħħ l-inċident ma tistax tasal li dan il-fatt waħdu kien il-kawża tal-inċident. Bit-taħriġ u mingħajru, il-mod kif ġraw l-affarijiet, xorta ma tistax issib ħtija u tort f'xi wieħed mill-konvenuti.

Għalhekk ġaladarba din il-Qorti ma tista' issib ebda ħtija, la fil-konvenut Grange u l-anqas fis-Soċjeta' konvenuta, it-talbiet Attriċi ser ikunu miċħuda. Kien inċident sfortunat li għalih ma jaħti ħadd mill-partijiet f'din il-Kawża.

Fl-aħħar nett kwantu għas-Soċjeta' Assiguratriċi, il-Qorti ssib li din ma hiex il-leġittima kontraditriċi fil-kawża. Hi ma għandha xejn x'taqsam mal-inċident. Bħala Soċjeta' assikuratriċi hi għandha biss l-obbligi li tħallas lill-assikurat tagħha purke' li jkunu osservati l-kundizzjonijiet tal-polza. Di fatti ħallset parti tal-ispejjeż inkorsi mill-Attur minħabba operazzjoni St. James. Għalhekk ser tkun illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju. F'każ ta' inċidenti stradali l-obbligi tagħha huma dawk li huma skont artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

Fil-waqt li **qed tillibera mill-osservanza** tal-ġudizzju lis-Soċjeta’ assikuratriċi qed **tiċħad** it-talbiet kollha Attriċi.

Spejjeż tal-kawża a’ karigu tal-Atturi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**

.